32005D0849

L 315/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 1.12.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Novembru 2005

rigward l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE dwar verifiki fuq assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur

(notifikata bid-dokument numru C(2005) 4580)

(Test brilevanza għaż-ŻEE)
(2005/849/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE tal-24 ta' April 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din r-responsabbiltà,[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Mejju 2002 ġie konkluż ftehim multilaterali, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", bejn il-bureaux nazzjonali tal-assiguraturi tal-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea u Stati assoċjati oħrajn. Il-Ftehim huwa mehmuż mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/564/KE tat-28 ta' Lulju 2003 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE dwar verifiki fuq assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur[2] li permezz tiegħu l-Kummissjoni ffissat id-data minn meta l-Istati Membri għandhom jieqfu milli jagħmlu verifiki fuq assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili rigward vetturi li normalment huma bbażati fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri li ffirmaw l-Ftehim u li huma suġġetti għall-Ftehim. Sussegwentement il-Ftehim ġie estiż għal aktar pajjiżi bl-adozzjoni tal-Addendum Nru 1.

(2) Fis-26 ta' Mejju 2005 il-bureaux nazzjonali tal-assiguraturi tal-Istati Membri u dawk tal-Andorra, tal-Kroazja, tal-Iżlanda, tan-Norveġja u tal-Iżvizzera, iffirmaw l-

---

[1] ĠU L 103, 2.5.1972, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/14/KE (ĠU L 149, 11.06.2005, p. 14).

[2] ĠU L 192, 31.7.2003, p. 23.

Addendum Nru 2 mal-Ftehim li permezz tiegħu il-Ftehim ġie estiż sabiex jinkludi il-bureau nazzjonali tal-assiguraturi tal-Andorra. L-Addendum jipprovdi għall-arranġamenti prattiċi għat-tneħħija ta' verifiki fuq assigurazzjoni rigward vetturi li huma normalment ibbażati fit-territorju ta' Andorra u li huma suġġetti għall-Addendum.

(3) Għalhekk il-kundizzjonijiet kollha biex jitneħħew il-verifiki fuq assigurazzjoni tal-vetturi kontra responsabbiltà ċivili skont id-Direttiva 72/166/KEE bejn l-Istati Membri u l-Andorra huma ssodisfatti.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar 2006, l-Istati Membri għandhom jastjenu mill-verifiki fuq assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi li huma normalment ibbażati fit-territorju ta' Andorra u li huma suġġetti għall-Addendum Nru. 2 tas-26 ta' Mejju 2005 mal-Ftehim Multilaterali bejn il-bureaux nazzjonali tal-assiguraturi tal-Istati Membri u Stati assoċjati oħrajn.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li ttieħdu biex tiġi applikata din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Novembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Charlie McCREEVY
Membru tal-Kummissjoni